MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 1198/2005

**Aplan Limited C2450**

**Vs**

**Makaw Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta’ attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` sitt mija u sittax-il lira Maltin (Lm616) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha bl-imghax u bl-ispejjez legali komprizi dawk ta` ittra bonarja tal-21 ta` Dicembru, 2004 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta` konvenuta giet debitament notifikata u ma pprezentat l-ebda Risposta in kontestazzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` x-xhieda ta` Dr Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta` attrici li bil-gurament ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Fid-dawl tal-premess it-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata u ghalhekk iqis li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas is-somma ta` sitt mija u sittax-il lira Maltin (Lm616) bl-imghax mill-31 ta` Mejju, 2005 meta gie pprezentat l-Avviz odjern u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------